MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2009

Numru 265/2009

Il-Pulizija
(Spettur Nikolai Sant)

Vs.

Kyle Borg
Clinton Borg

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati, detenturi tal-karta tal-identità numru 512985(M) u 480780(M) rispettivament, akkuzati talli:

1. nhar is-6 ta’ Marzu 2009 ghall-habta ta’ 20:00hrs gewwa Triq il-Katlan, Attard, volontarjament hassru, ghamlu hsara fil-vettura ta’ l-ghamla Ford bin-numru tar-registrazzjoni BAI694 u fil-bieb ta’ barra tar-residenza ta’ Sean Zammit minn Attard, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu

(1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Sean Zammit hekk kif iccertifikat Dr. Maria Gatt M.D. (Reg. No. 2752 tac-Centru tas-Sahha tal-Furjana;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellhom fil-pussess taghhom arma (irregolari) minghajr il-permess ta' Kummissarju tal-Pulizija;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba taghhom ikkagunaw lil Sean Zammit, biza' li ser tintuza vjolenza kontrih, meta huma kienu jafu jew messhom kienu jafu li dik l-imgieba taghhom se tikkagunalu biza.

Lil Clinton Borg wahdu talli:

Sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 meta huwa kien gie misjub hati u ikkundannat ghal-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet l-akkuzati jammettu l-akkuzi f'liema ammissjoni baqghu jinsistu anke wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jittrattaw il-hsara volontarja, l-ikkagunar ta' feriti hfief, l-pussess ta' arma irregolari u l-fastidju; hemm ukoll ir-recidiva fil-konfront tal-akkuzat Clinton Borg.

Issa l-ammissjoni tal-akkuzati hi wahda volontarja u inkondizzjonata. Kwindi l-htija taghhom ghar-reati migjuba kontra taghhom hija "sine qua non".

Rat l-Artikolu 325(a), 221, 251A, 49, 50 u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 6 u 51 tal-Kap 480 sa fejn applikabbli fil-konfront tal-akkuzati rispettivament. Rat il-verbal tal-lum stess fejn il-parti leza irrinunzjat ghal dak kollu li hu rinuzzjabbli billi d-danni gew kollha risarciti. Konsegwentement, tiddeciedi li tillibera lill-akkuzati bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sentejn mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzati r-responsabilitajiet rispettivi taghhom skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------